MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 215/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Carmela German**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Marzu 2007 u Novembru 2007 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehsor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Dr. Robert Sciberras MD u Dr. Patricia

Sciberras MD, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a), 18, 309, 310(1)(a), 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 illiberat lill-appellata mill-imputazzjoni dedotta kontriha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellata hatja tal-akkuza kollha kif dedotta kontra taghha w tinfliggi l-piena kontra taghha skond il-ligi

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant ircieva l-atti tal-kawza w hassu aggravat bihom in kwantu l-qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta' apprezzament zbaljat tal-provi li tresqu quddiemha w dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa (li tiddikjara lill-imputata mhux hatja) stante li gie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellata kienet wetqet ir-reati imputati lilha. U ghalhekk l-appellant qed jinterponi dan l-appell ai termini tal-artikolu 413(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Dan huwa appell maghmul mill-Avukat Generali wara liberatorja maghmula b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tal-5 ta' Mejju, 2010. Peress illi l-meritu tal-kawza kien jezorbita` l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati u

giet radikata fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009 l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell permezz ta' l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9 ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellata fir-risposta ta' l-appell illi l-Avukat Generali m'ghandux dritt ta' appell qeghda tigi michuda w il-Qorti qeghda tirrikonoxxi d-dritt tal-Avukat Generali li appella mis-sentenza fuq imsemmija.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, l-Avukat Generali argumenta li kellha tinstab htija peress illi fil-mument li hadet il-flus l-appellata kienet taf illi ma kienitx f'posizzjoni li thallashom lura u ma kienitx ser thallashom li kieku ma kienx ghall-intervent f'waqtu tal-parti leza li rrapurtaw lill-Pulizija illi wara li kienet taf illi se jitmexxew proceduri kriminali kontra taghha allura rat kif ghamlet biex hallset lura l-flus dovuti lil parti leza.

Fir-rikors elaborat u studjat tieghu, l-Avukat Generali argumenta kif il-*modus operandi* tal-appellata kien tipiku ta' frodist illi ghamel minn kollox biex l-ewwel jiehu l-fiducja tal-vittma mbaghad meta z-zmien ikun propens jintalab pjacir finanzjarju li ma jkunx jista` jintrad lura. Dan jista` jkun izda, sa fejn dan japplika lill-appellata hija kwistjoni ohra. Din il-kwistjoni giet ezaminata w ventilata mill-Qorti tal-Magistrati fejn waslet ghall-konkluzzjoni illi ma rrizultax li kien hemm xi intenzjoni frawdolenti jew qarrieqi da parti tal-appellata meta hija talbet il-flus minghand il-parti leza.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm f'kaz ta' appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appell minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni illi dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Dana l-ghaliex il-Qorti tal-Appell ma jkollix il-vantagg illi tara u tisma` x-xhieda w taghmel l-apprezzament taghhom. Fil-fatt fil-kawza "R. vs Cooper" (1969) per Lord Chief Justice Widgery – in konnessjoni mal-artikolu tal-Ligi Ingliza Section 2(1)(a) tal-Criminals Appeal Act, 1968 inghad *"….. assuming that there was no*

*specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case in the conclusions of the learnt Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, than, very exceptionally a conviction will be quashed."*

F'dan il-kaz naturalment, il-Qorti irid ikollha dik il-"lurking doubt" illi fil-fatt l-appellata giet illiberata meta ma kellix hekk tkun.

Dan il-principju gie segwit mill-Qorti tal-Appell Malta. Tant hu hekk per ezempju fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt" Appell 1 ta' Dicembru 1994 inghad *"fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontraditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta u evidentement giet emnuta …….. il-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Ghalhekk din il-Qorti ghandha taghmel apprezzament approfondit tal-provi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex tara jekk dik il-Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament, ezaminat bir-reqqa s-sentenza kif ukoll il-provi prodotti u thoss illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------